# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**

**(Spettur Roderick Attard)**

**Vs**

**Marcellino Mamo**

**Illum 13 ta' Novembru 2023**

Il-Qorti,

Rat li fit-13 ta' Settembru, 2023 tressaq b' arrest Marcellino Mamo ta' 18-il sena, imwieled nhar t-tmienja (8) ta' Jannar, elfejn u erbgha (2004) gewwa l-Pieta', iben missier mhux maghruf u Rose Marie Lois Ann Sonia Emmanuela Natasha Mamo, minghajr indirizz fiss u detentur tal-karta tal-identita' Maltija numru 0014004L akkuzat talli fil-lejl ta' bejn il-hdax (11) ta' Settembru, 2023 u t-tnax (12) ta' Settembru, 2023, gewwa Dawret il-Gzejjer, San Pawl il-Bahar u / jew fi bnadi ohra fil-gzejjer Maltin:

(1) Naqas milli jhares xi wahda, w/jew aktar minn wahda, mill-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest imposti fuqu nhar it-tlettax (13) ta' Marzu, elfejn u ghoxrin (2020) b' digriet mill-Magistrat Dr. D. Frendo Dimech.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmija reati, tirrevoka *'contrario imperio'* id-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna r-rearrest ta' l-imsemmi ***Marcellino Mamo*** kif ukoll tordna li s-somma ta' elfejn Ewro (€ 2000) bhala garanzija personali tghaddi favur il-Gvern ta' Malta.

(2) Naqas milli jhares xi wahda w/jew aktar minn wahda, mill-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest impost fuqu nhar il-erbgha (4) ta' Novembru elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) b' digriet mill-Magistrat Dr A. May Grima.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmija reati, tirrevoka *'contrario imperio'* id-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna r-rearrest ta' l-imsemmi ***Marcellino Mamo*** kif ukoll tordna li s-somma ta' ghaxart elef Ewro (€ 10,000) bhala garanzija personali u kif ukoll id-depozitu ta' elf ewro (€ 1,000) jghaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Rat li fis-seduta tal-13 ta' Settembru, 2023 il-Qorti hatret lil Dr Christopher Chircop li kien jmissu t-turn bhala avukat ta' l-ghajnuna legali. Id-difiza ma ikkontestatx il-validita' tal-arrest. Rat li l-Ispettur Roderick Attard qara l-akkuzi bil-gurament u li l-imputat wara li gie mistoqsi x' iwiegeb ghal dawn l-imputazzjonijiet wiegeb li mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

Rat fis-seduta tal-13 ta' Settembru, 2023 li l-Qorti wara li semghet it-trattazzjoni tal-partijiet rigwardanti l-helsien mill-arrest cahdet it-talba.

Rat li l-Qorti semghet ix-xhieda ta' l-Ispettur Roderick Attard li xehed fis-seduta tas-26 ta' Settembru, 2023 u fis-seduta tal-10 ta' Ottubru, 2023 fejn ipprezenta body cam footage Dok RAX u formula rigwardanti l-footage Dok RAX 1; ta' l-ISpettur Warren Galea li xehed fis-seduta tas-26 ta' Settembru, 2023; ta' PS Charlon Borg li xehed fis-seduta tas-26 ta' Settembru, 2023; ta' PC 125 Tristan Azzopardi li xehed fis-seduta tas-26 ta' Settembru, 2023;

Rat li fis-seduta tat-30 ta' Ottubru, 2023 il-prosekuzzjoni iddikjarat l-provi maghluqa u d-difiza iddikjarat li ma ghandiex provi.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-artikoli 579(1), 579 (2), 579 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ix-xhieda, id-dokumenti u l-atti kollha tal-kaz;

Ikkunsidrat

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Provi tal-prosekuzzjoni

**Spettur Warren Galea** xehed fis-seduta tas-26 ta' Settembru, 2023. Jaghmel referenza ghal Dok WG ezebit fil-process u jikkonferma li huwa digriet mill-Magistrat Dr Astrid May Grima rigward il-Helsien mill-Arrest ta' Marcellino Mamo li qed jaghraf fl-awla. Id-digriet imghata fl-4 ta' Novembru, 2022. Id-digriet jghid li wahda mill-kundizzjonijiet huwa li l-imputat ghandu rinkazar u li ghandu jkun gewwa mill-10:00 pm u ma johrogx qabel 7:00 am. Id-digriet ghadu in vigore ghax il-kawza ghadha pendenti.

**PS 1526 Charlon Borg**, stazzjonat l-Ghassa tal-Qawra, xehed fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2023. Jixhed li

> "nhar it-12 ta` Settembru ghall-habta tas-1.15 ta filghodu ircevejna telefonata li gewwa l-Pjazza ta` Bugibba kien hemm wiehed bi flokk ahmar u kien qed jistieden in-nies ghall-glied u fejn ukoll kellu xi sikkina f`idejh ahna minnufih flimkien mal-kollegi tieghi morna fuq il-post sabiex niccekkjaw izda ma sibna xejn u minn hemmekk ahna dorna naqra l-inhawi forsi nilmhuh jew narawh waqt li konnha qed induru patrol konnha fuq barra u fil-vicin regu cemplu in-nies u qalulna li regu raw lil din il-persuna fuq l-istess rapport ahna morna u rajna dil-persuna fejn kienet tixbah l-

> istess deskrizzjoni li kienu tawna in-nies dan kif rana dil-persuna kif rana telaq jigri ahna grejan warajh u mbaghad qbadnieh u lil din il-persuna giet indentifikata bhala Mamo Marcellino."

L-imputat gie identifikat peress li huwa stess taha ismu u kunjomu wara li gie mistoqsi. Jixhed ukoll li kellu ukoll hjiel ta' min hu peress li jiffirma l-Ghassa u gharfuh. Ix-xhud jaghraf lil imputat fl-awla.

Minn naha tieghu x-xhud ghamel l-istharrig, hu kien jaf li kien jiffirma l-Ghassa B`Bugia fuq Bail Book 16 u li suppost kien ikun dak il-hin bir-rinkazar u minn hemmekk infurmah li qieghed taht arrest fuq ksur ta` Bail u informa lil Ispettur tal-Ghassa. Ix-xhud ipprezenta r-rapport Dok CB li ikkonferma li hejja hu stess.

**PC 125 Tristen Azzopardi,** stazzjonat l-ghassa tal-Qawra, xehed fis-seduta tal-26 ta' Settembru 2023. Ix-xhud kien *night duty* nhar it-Tlieta 12 ta' Settembru, 2023. Jikkonferma l-verzjoni tal-fatti kif xehed il-pulzija PS 1526 Charlon Borg.

Lil imputat ma kienx jafu qabel ma sehh dan il-kaz. Ix-xhud jaghraf lil imputat fl-awla.

**Spettur Roderick Attard**, stazzjonat Ghassa Rabat, xehed fis-seduta tas-26 ta' Settembru, 2023 u fis-seduta tal-10 ta' Ottubru, 2023.

Fis-seduta tas-26 ta' Settembru, 2023 xehed li sbieh it-12 ta` Settembru, 2023 kont gie infurmat minn PS 1526 Cahrlon Borg illi kien sab lil certu Marcellino Mamo detentur tal-karta tal-identita 014004L, wara li kien dahal rapport l-ghassa tal-Qawra li i kien hemm xi zaghzugh li kien qed jisfida xi nies ghal-glied. Gie infurmat li sussegwentement il-pulizija tal-Qawra operaw fuq il-post fejn mar dan iz-zaghzugh u ma sabuhx ghamlu ir-rondi fl-akkwata, regghu marru l-ghassa u sussgwentement rega dahal rapport u regghu marru fuq il-post iktar tard fejn persuna li qabblet id-deskrizzjoni ta' min cempel l-Ghassa tal-Qawra. Il-persuna giet identifikata li kien zaghaugh u cioe Marcellino Mamo detentur tal-karta tal-identita 014004L.

L-ispettur kien infurmat li l-imputat kien instab wara l-hinijiet tar-rinkazar u b`hekk ordna  l-arrest tieghu.

Lil imputat hadlu  stqarrijja nhar it-12 ta` Settembru, 2023 ghall-habta tan-12.30 ta` wara nofs in-nhar fejn tah d-drittijiet kollha tal-avukat.

Jixhed li qed jaghraf l-imputat.

Jaghraf ukoll il-firma tieghu, ta'  PC 1229 u tal-PC 521 fuq l-istqarrija a fol 11 u 12 tal-atti processwali.

Fl-istqarrija l-imputat kien ikkonferma li kellu l-bail imma meta mistoqsi dwar il-kundizzjonijiet ma wiegibx.

Jixhed ukoll li qed jaghraf il-vera kopja tal-kundizzjonijiet tal-Helsien mill-arrest tas-sur Mamo li dawn inaghtawlu nhar it-13 ta` Marzu 2022 mill-Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech (fol. 4) u li ghadhom invigore in vista tal-fatt illi l-kawza inqatet pero kien hemm denunzja, id-denunzja kienet spiccat quddiem il-Magistrat Dr. Gabriella Vella eventwalment kien hemm appell ghax kien wehel sena Habs effettivi u ghalekk il-kundizzjonijiet ghadhom invigore mertu tal-appell.

Jiddikara ukoll li kien informa lil  Ispettur Warren Galea fejn ukoll qalli li kellu kundizzjonijiet f`dak is-sens igifeiri li inkissru kundizzjonijiet tad-digriet tal-kawza li kellu quddiem il-Magistrat Astrid May Grima datat 4 ta` Novembru, 2022.

<u>Fis-seduta tal-10 ta' Ottubru,  2023</u> L-Ispettur Roderick Attard xehed u ipprezenta kemm ir-request tal-*bodycam camera footage request* kif ukoll hawn il-filmat relatat mal-istess formola li jinkwadra tal-fatt li graw dak in-nhar tal-arrest Dok RAX u RAX 1)

Ikkunsidrat

Illi fil-kaz in ezami l-imputat li ghadu ghaddej minn zewgt proceduri ta’ natura kriminali u quddiem zewgt qrati diversament preseduti inghata l-beneficcju ghal helsien mill-arrest f’ zewgt okkazzjonijiet u cioe’ permezz ta’;

(i) digriet datat 12 ta’ Marzu 2020 moghti mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrata Dr Donatella Frendo Dimech fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulziija (Spettur R. Attard) vs Marcellino Mamo fejn fost kundizzjonijiet ohra l-imputat kellu l-kundizzjoni li jirtira gewwa d-dar fejn joqghod mhux izjed tard mis-8:00 pm u ma johrogx qabel is-6:00 am tal-ghada fil-ghodu u kien marbut b’ garanzija personali ta’ elfejn ewro (€ 2,000.

(ii) digriet datat 4 ta’ Novembru, 2022 fil-kawza fl-ismijiet il-Pulizija (Spettur Warren Galea) kontra Marcellino Mamo preseduta mill-Magistrata Dr. Astrid May Grima fejn fost kundizzjonijiet ohra kellu jirtira gewwa d-dar fejn joqghod mhux aktar tard mil-ghaxra ta’ filghaxija (10:00 pm) u ma johrogx minn hemm qabel is-sebgha ta’ fil-ghodu (7:00 am). L-imputat ghamel tajjeb ghal dan il-beneficcju tal-helsien mill-arrest billi ddepozita fir-Registru ta’ din il-Qorti s-somma ta’ elf Ewro (€ 1,000) oltre garanzija personali ta’ ghaxar telef ewro (€ 10,000) (Dok. WG fol. 5 sa fol. 7).

Illi jirrizulta minghajr ombra ta’ dubju li l-imputat kiser il-kundizzjonijiet imposti minnu mill-Qorti ghal beneficcju mill-helsien mill-arrest u dan peress kif ikkonfermat mix-xhieda prodotti fil-lejl ta’ 12 ta` Settembru ghall-habta tas-1.15 ta filghodu wara rapport li kien hemm persuna jistieden in-nies ghall-glied u fejn ukoll kellu xi sikkina gewwa l-Pjazza ta` Bugibba, Dawret il-Gzejjer, Bugibba. L-imputat gie arrestat ftit tal-hin wara tul l-istess lejl. Il-pulizija tad-distrett kienu arrestaw lil imputat li wara li saritlu search fuqu ma nstabet ebda’ sikkina fuqha.

Illli l-piena applikabbli ghall-ksur tal-kundizzjonijiet ta’ digriet ta’ helsien mill-arrest taht l-Art. 579(2) tal-Kap. 9 hija multa jew priġunerija għal żmien ta’ erba’ xhur sa sentejn, jew għal multa u priġunerija flimkien mal-konfiska tal-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija favur il-Gvern ta’ Malta.

Illi f' dak li jirrigwarda l-piena il-Qorti qed tiehu in kunsiderazzjoni li minkejja l-fatt li l-imputat huwa marbut b' zewgt digrieti differenti ghal beneficcju tal-helsien mill-arrest huwa kiser il-kundizzjonijiet taghhom u ma osservax il-kundizzjoni tar-rinkazar imposti fuqu.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli rilevanti tal-ligi, l-artikoli 579 (1), Art. 579(2) u Art. 579(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih u konsegwentement bl-applikazzjoni tal-Art. 579 (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghal sentenza ta' prigunerija ta' sentejn (2) habs effettiv

B' referenza ghall-ewwel imputazzjoni qed tirrevoka '*contrario imperio*' id-digriet tal-beneficcju mill-helsien mill-arrest moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta tat-13 ta' Marzu 2020 b' digriet tal-Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech u tordna li l-ammont stabbilit fl-imsemmi digriet taht garanzija fl-ammont ta' elfejn ewro (€ 2000) jigi kkonfiskat favur il-Gvern ta' Malta;

B' referenza ghat-tieni imputazzjoni qed tirrevoka '*contrario imperio*' id-digriet tal-beneficcju mill-helsien mill-arrest moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta tal-4 ta' Novembru 2022 b' digriet tal-Magistrat Dr. Astrid May Grima u tordna li s-somma ta' ghaxart elef Ewro (€ 10,000) bhala garanzija personali u kif ukoll id-depozitu ta' elf ewro (€ 1,000) jigu kkonfisati favur il-Gvern ta' Malta u konsegwentement tordna li l-imputat jigi arrestat mill-gdid.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**